PDF Compressor Pro



# Solidarjetà ma' Studenta

MINN GĦAWDEX



ma' **Charles Spiteri**

Grupp ta' studenti li jattendu l-iskola post-sekondarja Sir Mikelanġ Refalo, fir-Rabat, Għawdex u li qed jagħmlu l-proġett tas-'*Systems of Knowledge*' ġewwa Dar Ġużeppa Debono, f'Għajnsielem, iltaqgħu flimkien bħala solidarjetà ma' waħda mill-istudenti f'dan l-istess grupp, Antonella, li ftit tal-ġimgħat ilu, tilfet lill-ommha Doreen Borg minn Għajnsielem, li kellha 40 sena.

Dun Michael Curmi, mix-Xagħra, Viċi Rettur tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù ċċelebra quddiesa ġewwa l-knisja ta' San Pawl, f'Marsalforn għal ruħ omm din l-istudenta. Dun Michael għamel ukoll kelmtejn tal-okkażjoni.

Il-qari sar minn Antonella Borg, waqt li t-talb tal-fidili qratu Ritianne Buhagiar.

Qabel iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa, ir-Rettur tal-imsemmija Knisja, il-Kanonku Mikiel Borg, mix-Xagħra, ta tagħrif storiku u verament interessanti konness mal-Knisja u ma' San Pawl.

Wara dawk preżenti għamlu *barbeque* fil-limiti ta' Għar Qawqla, Marsalforn. Qabel il-*barbeque* Ritianne Buhagiar, studenta mix-Xewkija li hija waħda mill-istudenti f'dan il-grupp u li tul din is-sena ħadmet bis-sħiħ b'mod volontarju ġewwa Dar Ġużeppa Debono ppreżentat €303.50 lid-Direttur ta' din id-dar, Maria Attard. Dawn il-flus inġabru minn *carwash* li ħadet ħsieb li torganizza din l-istudenta.



Dun Michael Curmi, waqt l-omelija tal-okkażjoni.



L-istudenta Antonella Borg waqt il-qari tal-quddiesa



Ritianne Buhagiar taqra t-talba tal-fidili





Carwash minn studenti b'donazzjonijiet miġbura għal Dar Ġużeppa Debono



Il-Grupp ta' Studenti flimkien quddiem il-Knisja ta' San Pawl, f'Marsalforn. Fuq quddiem tidher Ritianne Buhagiar, (xellug) tippreżenta s-somma miġbura lid-direttriċi ta' Dar Ġużeppa Debono, Maria Attard